# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

**Seduta tal-5 ta' Lulju 2002**

**Citazzjoni numru 527/99 GC**

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Modern Plastic Containers Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' Modern Plastic Containers Limited fis-somma ta' tmint'elef liri Maltin (Lm8000) import ta' erba' kambjali migbudin mis-socjeta' Articraft Creative Services Limited fuq is-socjeta' Modern Plastic Containers Limited u ggirati favur is-socjeta' attrici li kopja taghhom qed tigi hawn esebita "animo ritirandi" u markati Dok "A1" sa "A4";

U illi dawn l-erba' kambjali huma skaduti u mmaturaw fil-31 ta' Mejju 1995 u ma gewx imhallsa mill-konvenuta socjeta' Modern Plastic Containers Limited;

U illi d-debitu huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk dan id-debitu jinkwadra ruhu fl-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12);

U illi s-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuta socjeta' Modern Plastic Containers sabiex thallas dawn il-kambjali skaduti permezz ta' ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar 1998 hawn esebita u mmarkata "Dok B" izda din baqghet inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap12); u

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmint'elef liri Maltin (Lm8,000) import ta' erba' kambjali migbudin mis-socjeta' Articraft Creative Services Limited u ggirati favur is-socjeta' attrici (Dok "A1" sa "A4");

Bl-ispejjez kopmrizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 1998 u l-imghaxijiet legali mill-31 ta' Mejju 1995, sad-data ta' l-effettiv pagament u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment ma' l-istanti kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament, id-ditta esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, ghax il-gira in kwistjoni, li mhix wahda in bjank, hija bla data u kwindi nulla;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-kambjali in kwistjoni huma nulli minhabba frodi da parti tal-girant, u minhabba nuqqas ta' kawza funzjonali, peress li ma inghatatx konsiderazzjoni ghall-valur ta' l-istess kambjali mill-istess traent/girant;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Novembru 2001 li biha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2002;

Ikkonsidrat:

Fit-tieni eccezzjoni taghha s-socjeta konvenuta qed tippretendi li l-kambjali in kwistjoni huma nulli u dana minhabba frodi da parti tal-girant, u minhabba nuqqas ta' kawza funzjonali. Dawn il-pretensjonijiet zgur li ma gewx ippruvati u ghalhekk din l-eccezzjoni ukoll ghandha tigi michuda;

Barra minn hekk, mill-kumpless ta' provi prodotti, t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-bank attur u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmint'elef liri Maltin (Lm8,000) import ta' erba' kambjali migbudin mis-socjeta' Articraft Creative Services Limited u ggirati favur is-socjeta' attrici u li skadew u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-31 ta' Mejju 1995 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.